MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 210/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Carmel Dimech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm283.39c (mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti hsarat ikkagunati lill-proprjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti waqt xoghlijiet f'38, Victory Square, Naxxar fis-26 t'Ottubru 2001.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm283.39c (mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------